U b'qalb miksura:
"Daħħalni Miegħek"
Qallu "kif tidħol
Fis-saltna Tiegħek",

"Niedem nitolbok,
Tiftakar fija
X'hin tkun f'Saltnatek
F'Sebħ it-tgawdija".

* * *

Kif din it-talba
Minn qalb sogħbiena
Jien smajt – bkiet qalbi,
Ġarrabt hekk ħniena,

Illi tlabt 'l Ibni
Ġesù fis-sikta
Li jisma' t-talba
Minn qalbi mnikkta.

W it-talba kiebja
Tiegħi jilqagħha
U jdaħħlu Miegħu
Fis-Sebħ tas-Saħħa.

Leħħet xewqati,
B'wasla bikrija,
Mal-fehma t'Ibni,
Bħal dell mad-dija,

Għax smajt iwieġeb
Dan l-Iben tiegħi:
"Illum tkun inti
Fil-Ġenna Miegħi".

Mejju, 1942. R. M. B.

# LIL DUN KARM

M'għandix x'nagħtik, Dun Karm, għax bħalek fqajjar
riditni d-dinja. U jien nixtieq f'idejja
ma nsibx, jaħasra, l-baħħ quddiem għajnejja
ħa nroddlok x'taf il-qalb qabel għajnejja.

Għax jiena mxejt warajk, mill-Ġmiel imħajjar,
u rajtek tifrex fuq il-qalb għannejja
idek għatxana: u l-ħolm ferrixtli ħdejja...
ħolm tal-ħarir... u l-għana smajt tax-xmajjar.

W issa qed tħabbar li se' tgħib minn magħna,
u x-xtiewi smajtek tgħodd wara li wrejtni
li jibqa', sa ma tmut, sehmek il-Għana.

Ħa jżernaq għada: inti ma tmutx. Xi darba
għad tmil ix-xemx; imbagħ'd, bħalm'hawn derrejtni,
stennieni hemm ġo qabrek u isma' l-karba.

FRAN. CAMILLERI.

# DON MIKIEL FRANĠISK BUTTIĠIEĠ

## L-EWWEL ISQOF TA' GĦAWDEX

Il-gżejjer ta' Malta u Għawdex, sa madwar 80 sena ilu, kellhom Ragħaj wieħed biss li jieħu ħsieb ta' l-erwieħ tagħ-hom f'daqqa. Iżda, billi dawn il-gżejjer huma mifrudin minn xulxin bil-baħar li jaf jagħmel tiegħu ma' tulek ja xitwa, u, billi fl-imgħoddi l-mawrien minn gżira għall-oħra ma kien xejn ħafif bħal-lum u ta' sogru, kien jiġri ta' sikwit li l-Għaw-dxin kienu jdumu s-snin twal bla ma jaraw qatt 'l-Isqof tagħhom. Għalhekk ukoll kien jiġri li ħafna nsara Għawdxin kienu jiżżewġu u saħansitra jmutu mingħajr ma jkunu ħadu qabel il-Griżma ta' l-Isqof. Ma dan żid ukoll illi dawk li kienu jridu jsiru qassisin kien jeħtiġilhom imorru Malta – l-iktar fil-qieraħ tax-xitwa – biex hemmekk jieħdu l-Quddiesa jew xi Ordni ieħor. Il-Vista Mqaddsa tal-parroċċi li, f'dawk iż-żminijiet, l-Isqof kien imġiegħel jagħmel darba kull sentejn, kienet titħalla għal żmien twil, hekk, li darba, tħalliet għal ma' tul 23 sena.

Sabiex titneħħa din il-ħsara li kienet qiegħda ssir fl-erwieħ tal-Għawdxin, il-Kleru ta' Għawdex flimkien mal-poplu qatagħha li jitlob lill-Qdusija Tiegħu, il-Papa, sabiex ikun hekk ħanin u twajjeb li jifred il-Knisja ta' Għawdex minn dik ta' Malta u jagħtiha Isqof għaliha. Il-Papa, li dik il-ħabta kien Piju IX, wara li fela bir-reqqa t-talba tal-Għawdxin, qatagħha mhux le li jifred minn xulxin il-knejjes taż-żewġ gżejjer b'Ragħaj għal kull waħda minnhom, iżda li jibgħat Isqof ta' Għajnuna fil-gżira ta' Għawdex sabiex ikun jista' jaqdi hu fejn ikun meħtieġ dak ta' Malta. Għalhekk bħala Isqof ta' Għajnuna għal Għawdex fis-16 ta' Marzu tal 1863 ġie maħtur Don Mikiel Franġisk Buttiġieġ, u fl-10 ta' Mejju ta' l-istess sena ġie ikkonsagrat Isqof f'Ruma bit-titlu ta' Isqof ta' Lita.

* * *

Don Mikiel Franġisk Buttiġieġ kien għawdxi. Twieled fil-parroċċa tan-Nadur u, sewwa sew fix xagħba li tiniss mar-raħal tal-Qala, fit-3 ta' Novembru 1793. Iżda bil-kemm kien għad għandu 9 snin meta ommu u missieru bagħtuh il Belt